**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO BA. LL.D.**

**Illum, is-27 ta' Mejju 2025**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**KONTRA**

**FIONA CUCCIARDI**
(detentriċi tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 549381(M))

**IL-QORTI,**

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' **Fiona Cucciardi,** ta' tlieta u erbgħin (43) sena, ta' nazzjonalita' Maltija, imwielda Żurrieq Malta nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija wieħed u tmenin (1981), residenti ġewwa 105, Ommna Maria, Vjal il-Blue Grotto, Żurrieq u detentriċi tal-karta tal-identita' numru 549381(M), akkużata talli nhar l-20 ta' Mejju tas-sena 2025 bejn is-sitta ta' filgħaxija u d-disgħa ta' filgħaxija ġewwa Eeetwell, 33, Triq Sant Anna, Wied il-Għajn u/jew ġewwa bnadi oħra tal-Gżejjer Maltin, mingħajr ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Renie Ellul f'periklu ċar, ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Renie Ellul, li kien f'relazzjoni mal-ħatja kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le, hekk kif iċċertifkat minn Dr. Matteo Azzopardi Med Reg 8044 ;

Din il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Renie Ellul u/jew xi persuna/i oħra billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputata Fiona Cucciardi skont skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment din il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex kemm-il darba ssib ħtija fl-imputata għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittmi.

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-imputata tiddikjara u sussegwentament terġa' tikkonferma li hija ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u dan wara li l-Qorti tata l-opportunita' sabiex terġa lura mill-istess ammissjoni, wara li solennement spjegatielha il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tata żmien tirrikonsidra l-ammissjoni tagħha u terġa' tikkonsulta mal-avukat tagħha.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet in kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata fejn il-Qorti ġiet infurmata li hemm qbil bejn il-partijiet li l-piena idoneja hija dik ta' sentenza sospiża fil-massimu tagħha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata, l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha ġiet ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura gravi tal-imputazzjoni li tagħha l-imputata ser tinstab ħatja u ċ-ċirkostanzi tal-istess, liema imputazzjoni tirrigwardja inċident ta' vjolenza domestika. Konsegwentament fil-fehma ta' din il-Qorti l-piena idoneja fiċ-ċirkostanzi hija dik ta' priġunerija effettiva. Madanakollu din il-Qorti ħadet ukoll kont tal-ammissjoni tal-imputata fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri odjerni. Ħadet ukoll kont tal-fedina penali netta tal-imputata u li dan jidher li kien inċident iżolat. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti taqbel ma dak sottomess mill-partijiet u ċioe' li l-piena ta' priġunerija ma għandhiex tkun waħda effettiva.

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 222A(7), 202(h)(vi) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-qua imputata Fiona Cucciardi ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u konsegwentament qed tikkundannaha għal sentejn priġunerija li

b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ma għandhomx jidħlu fis-seħħ sakemm il-ħatja ma tikkommettiex delitt ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien erba' snin millum.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, qed tordna l-ħruġ ta' ordni ta' trażżin kontra l-ħatja, għas-sigurta' tal-vittma Renie Ellul, taħt penali ta' elfejn Ewro (Eur.2,000) għal perjodu ta' sena millum.

B'referenza għat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tipprovdi għad-danni a tenur tal-artikoli 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti qed tiċħad din it-talba ġaladarba ma tressqu quddiemha l-ebda provi jew sottomissjonijiet rigwardanti danni dovuti sabiex din il-Qorti tkun tista' tapplika d-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu. In oltre b'referenza għat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex il-ħatja tiġi kkundanata għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali, din il-Qorti, qed tiċħad din l-istess talba ġaladarba fil-proċeduri odjerni ma jirriżultax li ġew maħtura esperti.

Il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-reponsabbilita' tagħha taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk hija tikkommetti reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża hawn fuq indikat.

Finalment din il-Qorti qed tordna ukoll li kopja eletronika tal-atti u s-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skond il-liġi.

______________________________

**MAĠISTRAT Dr. Elaine Rizzo BA. LL.D.**

______________________________

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**